wq

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 252/2003**

**Illum 18 ta' Jannar 2023**

**Il-Pulizija**

**VS**

**Generoso Sammut, iben il-mejjet Carmelo u Josephine nee' Attard, imwieled Tal Pietà nhar l-24 ta' Frar, 1954, residenti fil-fond numru 56, Triq in-Nirien, Siġġiewi, detentur tal-karta tal-identità numru 203454M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkużi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Generoso Sammut** li ġie akkużat talli:

1. Nhar l-24 ta' Frar, 2003, għall-ħabta tal-4.00 ta' filgħodu, fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Baħar, bil-ħsieb illi joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-Surġent tal-Pulizija Jeffrey Gerada f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb

b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi spara tir ta' arma tan-nar fid-direzzjoni tiegħu, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volontà tiegħu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tas-Surġent tal-Pulizija Jeffrey Gerada, liema offiża ġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq, jew f'waħda mill-idejn tal-offiż li ġiet magħmula b'arma regolari u cioè arma tan-nar;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmi Surġent tal-Pulizija Jeffrey Gerada, u l-Kuntistabbli Kevin Curmi, persuni nkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, filwaqt illi kienu jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-Liġi mill-awtorità' kompetenti;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-Ligi minn servizz pubbliku, u cioe' lis-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada u l-Kuntistabbli Kevin Curmi, waqt illi kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb illi jbeżżagħhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;
5. U aktar talli f'Buġibba, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn il-5.00 ta' filgħaxija tat-23 ta' Frar, 2003 u l-4.00 ta' filgħodu tal-24 ta' Frar, 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom dokumenti u flus, minn Granny's Bar and Restaurant, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) bil-mezz, kif ukoll bil-hin, ghad-dannu ta' John Zammit mis-Swieqi;
6. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

7. U aktar talli f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn il-5.00 ta' filgħaxija tat-23 ta' Frar, 2003 u l-4.00 ta' filgħodu tal-24 ta' Frar, 2003, waqt illi kien fil-Granny's Bar and Restaurant f'Bugibba, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-ħames mitt lira Maltin (Lm500.00), imma kienet iżjed minn ħamsin lira Maltin (Lm50.00) u li saret għad-detriment ta' John Zammit is-Swieqi;

8. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, ghall-habta tal-4.00am, waqt illi kien fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, ittanta jhajjar ufficjal jew impjegat pubbliku u cioe' lill-Kuntistabbli Kevin Curmi sabiex jonqos illi jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

9. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, ghall-habta tal-4.00am, waqt illi kien fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, fil-hin illi kien qed jagheml delitt kontra l-persuna, u cioe' tentattiv ta' omicidju tas-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada, jew id-delitt ta' serq jew ta' hsara lil proprjeta', kif ukoll fil-hin illi kien qed jigi arrestat ghall-ghemil ta' xi delitt, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

10. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi, wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

11. U aktar talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess żmien u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn waħda mid-dokumenti u cioè liċenzja

falsifikata maħruġa fuq il-vettura bin-numru AAE194 f'isem Jonathan Balzan minn Hal Safi;

12. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, f'dawn il-Gżejjer, saq il-vettura tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni AAA551 meta ma kellux liċenzja rinnovata għas-sena kurrenti 2003;

13. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, f'dawn il-Gżejjer, saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAA551 meta ma kienx kopert b'polza ta' sigurtà' dwar riskji għal terzi persuni;

14. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, għall-ħabta tal-4.00 ta' filgħodu, waqt illi kien il-Qawra limiti ta' San Pawl il-Baħar, ma obdix l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, u cioè s-Surġent tal-Pulizija Jeffrey Gerada u l-Kuntistabbli Kevin Curmi, jew ma hallihx jew fixklu waqt illi kien għamel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmiru billi ma hallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'Liġi kien ordnat jew seta' jagħmel, billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skont il-Liġi jew b'xi mod ieħor li jkun;

15. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, għall-ħabta tal-4 ta' filgħodu, waqt illi kien il-Qawra fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indeċenti li jikkonsisti f'dagħa;

16. U finalment talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, f'dawn il-Gżejjer, irrenda ruħu reċidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat illi moqrija l-akkużi, l-imputat wieġeb illi ma kienx hati tal-istess (folio 10);

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-każ beda meta l-Pulizija għal ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu fl-akkwati ta' Fra Ben, marru sabiex jinvestigaw rapport minħabba li seta' kien hemm xi persuni mgħammda u armati. Fuq il-post lemhu persuna li wara rrizulta li kien l-imputat jarmi xi karti meta kien viċin vettura. Meta l-pulizija u cioe s-Surgent Gerada u l-kuntistabbli Curmi ressqu viċin il-vettura fejn kien hemm l-imputat li spiċċat ftit wara jigu sparati tiri u spiċċaw feruti kemm l-istess surġent Gerada kif ukoll l-imputat. Illi l-Qorti rat ix-xhieda mgħotija minn diversi persuni li kienu involuti f'dan il-każ u speċjalment dak li qal l-istess PS 90 Jeffrey Gerada u PC 1337 Kevin Curmi li kienu l-istess Pulizija li sabu l-imputat fl-akwati ta' Fra Ben wara li marru hemm fuq rapport li kien daħal.

Illi mill-istess xhieda ta' **PS 90 Jeffrey Gerada** qal li fit-23 ta' Frar, waqt illi kien patrol duty flimkien mal-imsemmi Curmi, ghall-habta tat-3.30am, semghu fuq ir-radio illi kellhom imorru Bugibba fir-rigward ta' tnejn minn nies suspettuzi mghammdin u armati. Meta marru l-ghassa tal-Pulizija, s-Surgent Garzia avzahom biex jmorru in-naha ta' Fra Ben minhabba li kien hemm vettura tal-ghamla Mini Minor hamra li setghet kienet involuta fl-incident imsemmi. Illi minhabba li kien hemm alarm tal-istess Fra Ben mixgħul marru jinvestigaw ukoll iżda ma sabu xejn. Illi dak il-hin kellu t-torch f'idu u meta waslu fuq il-post raw li kien hemm il-bieb tal-bitha miftuh iżda ma sabu xejn hazin. Illi waqt li kienu qeghdin iduru jaraw vettura tal-ghamla Peugeot 306 blue fejn flimkien mal-kollega tieghu marru hdejn din il-vettura. Minhabba li kien mudlam kellu t-torch mixghul u anki żamm l-arma tas-servizz barra f'idejh għal dak li jista' jinqala'. Illi kif nizlu hdejn din il-vettura ra raġel ħdejn il-vettura li kellu l-bieba tax-xufier miftuħa, jarmi xi karti, iqalleb f'dawn il-karti. Xehed illi baqa' nieżel miegħu u qallu li kienu pulizija tas-CID. Staqsew x'kien qieghed jagħmel waqt illi beda jagħmillu t-torch go wiċċu. Wiegbu illi ma kien qed jaghmel xejn ħlief illi jarmi xi karti. Illi l-istess xhud qal li kien ra fil-vettura affarijiet suspettużi, bħal puntell griż, kbir pied u nofs bil-ponta u kellu boċċa, kif ukoll kaxxa griza bil-flus.

Il-persuna li kienet viċin din il-vettura daħlet gol-karozza, waqt li s-surgent qabez fuqu għax rah qiesu qed ifittex xi haga u beda jghidlu biex ihalliha. Spjega li kien fuq din il-persuna fil-karozza, fuq is-seat ta' quddiem, it-tnejn

fuq xulxin. Kien f'dak il-mument li din il-persuna sprejjat spray go wiccu u dak il-hin gibdu 'l barra. F'dak il-mument, is-surġent telaq it-torch minn idu u fl-oħra żamm l-arma tas-servizz, u dan fil-hin li kellu għajnejh jaħarquh minħabba li ġie użat pepper spray speċjalment għajnejh ix-xellugija. Waqt li kienu barra mill-vettura, din il-persuna pruvat tehodlu l-arma minn idejh b'kemm kellu sahha. Kien f'dan il-waqt li l-arma ħadet u s-surġent hass uġiegħ f'idejh. Baqa' jirreżisti li min-naha tal-persuna l-ohra baqghet tipprova tiehu l-arma minn idejh. Qal ukoll illi ma setax jagħmel aktar sforz minħabba l-uġiegħ f'idu. Huwa kompla jgħid li minhabba li ma kellux sahha f'idu beda jghajjat lil kuntistabbli Curmi sabiex jispara. Ma kienx jaf jekk dan sparax wieħed jew tnejn. Xehed illi din il-persuna baqgħet tirreżisti l-arrest, u li anke pprova jisprejja l-pepper spray lejn il-kollega tieghu. Tefghuh mal-art u hawn dan beda jidgħi u jgħidilhom biex joqtluh, u semma lil Amadeo. Illi dan il-fatt, hassu mhedded biha minhabba minn dak li kien ghadda meta kien involut fi sparatura ohra waqt hold-up gewwa Bormla.

Illi sakemm ġiet l-ambulanza fuq il-post innota li f'din il-vettura kien hemm kaxxa griża kif ukoll borża bajda li kellhom xi flus fihom. Fil-bagoll sab lieva ta' madwar pied u nofs kif ukoll parankina kbira imgezwra bid-drapp. Illi kompla jghid li meta kienu resqu lejn din il-persuna huma kienu identifikaw ruħhom bħala Pulizija.

Illi qabel ma sehh dan kollu huwa ma kienx spara fl-arja qabel għaliex huwa qatt ma kellu intenzjoni li jispara. L-unika darba li ta ordni sabiex jispara kien meta hass li kien se jitlef l-arma minn idejh u ghax kellu wkoll idejh bl-ugiegh minhabba li ntlaqat b'tir waqt li l-imputat prova jieħu l-arma minn idejh. Kien ghalhekk li ta dik l-ordni sakemm ikkontrollaw lill-imputat.

Zied illi mill-pistola tieghu gew sparati zewg tiri, u l-imputat gie milqut b'tir minnhom. Hu ntlaqat b'tir wiehed. Ammetta li hu spicca bejn saqajn l-imputat. Qal illi hu waqa' meta hu u din il-persuna bdew jissieltu ghar-revolver tieghu. Qal illi hu talab lill-kollega tieghu jispara minhabba s-sahha ta' din il-persuna u ghax hass illi kien ser jitlef il-kontroll ta' l-arma.

Dan ix-xhud identifika lill-imputat bhala l-persuna li kien qieghed jaghmel referenza ghaliha.

Xehed ukoll **PC 1337 Kevin Curmi**, li kien qieghed jassisti lis-Surgent Gerada minhabba li kienu xoghol dak il-hin. Huwa qal li kien dahal rapport li kien hemm xi nies mghammda u armati. Meta waslu hdejn ta' Fra Ben marru jinvestigaw fl-inħawi ta' dan ir-restorant minhabba wkoll li kien hemm l-alarm mixgħul. Huma niżlu fi triq imharbta li kien hemm vicin ta' Fra Ben. Dak il-hin kellhom l-arma f'idejhom minhabba li kien dahal ir-rapport fuq xi nies suspettuzi. L-ewwel li marru jaraw kien l-istess ristorant li kien miftuh izda ma raw xejn fejn minn hemm baqghu nezlin 'l isfel fejn innotaw vettura tat-tip Peugeot blu li kellha l-bieba tax-xufier miftuha, u kien hemm persuna barra qisha baxxuta. Huwa ra li din il-persuna kienet qieghda tarmi xi affarijiet minn fuq ġewwa ghal barra. Huma avvicinaw lil din il-persuna fejn is-surgent kien fuq quddiem. Dak il-hin kif waslu hdejh identifikaw lilhom infushom bhala Pulizija tas-CID. Din il-persuna qaltilhom li kien qieghed jarmi xi karti minn ġewwa din il-vettura. Minħabba li s-surġent kellu t-torch f'idu dak il-hin innota li kien hemm cashbox fuq is-seat, xkora kbira quddiem is-seat, u puntell ohxon bil-ponta fuq is-seat tal-passiggier. Illi f'dak il-mument din il-persuna daħlet tigri ġewwa din il-vettura u s-Surgent qabez fuq l-istess persuna. Dak il-hin huwa sema' lis-surġent jgħajjat biex thallieha hemm imma hu ma setax jara kemm ghal fatt li kien id-dlam ghax it-torch kien waqa' fl-art. Waqt li din il-persuna u s-surgent kienu ġewwa din il-vettura, din il-persuna użat spray u gie fuq is-surgent u anki fuqhu. Minhabba li kien hafna rih, qal illi dan l-spray ġie fuq wiċċu. Qal illi kif hargu minn gewwa din il-vettura, is-Surgent kellu l-arma f'idejh u l-persuna l-ohra poggiet idejha fuq l-arma wkoll, u bdiet glieda. Xehed illi kien hemm erba' idejn iżommu din l-arma u fil-mument li kien hemm din it-taqtiegha instema tir u sema' lis-surgent jghajjat li weggha. Kien hemm mumenti fejn l-istess surġent beda jghidlu biex jispara u fil-fatt hekk ghamel fid-direzzjoni ta' saqajn l-imputat. Kien fil-fatt it-tieni tir li l-imputat inqala minn mas-surgent. Kien ukoll f'dan il-hin li kien ferut li l-imputat beda jghidilhom li kien sejjer jaghtihom ghaxart elef Lira Maltin jekk jitilquh ghax kien sejjer jibla l-habs.

Innota li l-persuna kellha ferita f'saqajha. Waqt li kien qiegħed fil-preżenza tas-surġent dak il-hin sema' lill-imputat jgħid li kien is-surġent illi qatel lil Amadeo. Illi dan ix-xhud indika lill-imputat bhala l-persuna li kienet involuta f'dan il-kaz. L-armi li kellhom tas-servizz kienu ta' l-ghamla Smith and Wesson. Minn fuq il-post huwa kien eleva diversi oġġetti bhal karti u anki l-istess bott tal-pepper spray li gie użat mill-imputat.

Xehed ukoll il-**Brigadier Maurice Calleja**, li kien gie mahtur bhala espert fl-Inkjesta (ara Dok MC).). Huwa kien ikkonkluda li gew sparati erba' tiri b'kollox, bir-revolver BC1 u bir-revolver BC2 fejn l-istess skrataċ baqghu fl-arma. Bir-rizultat ta' dawn l-isparaturi, zewg persuni spiccaw feruti kemm l-istess imputat kif ukoll is-surgent Gerada.

L-ispizjar **Mario Mifsud** kien gie nominat sabiex jaghmel analiżi ghal GSR fuq it-tlett persuni involuti f'dan il-kaz. Fil-fatt irriżulta li kemm is-surgent Gerada u l-kuntistabbli Curmi kellhom traċċi ta' GSR fuq il-persuna taghhom mill-iswabs li gew mehuda. Illi fl-istess analiżi hareg li nstabu wkoll partiċelli ta' GSR fuq il-persuna tal-imputat.

**PS 881 Charles Grech** min-naha tieghu prezenta r-relazzjoni tieghu ghal dak li ghandu x'jaqsam max-xoghol tal-GSR (Dok CG, folio 318).

Illi f'dan il-kaz xehedu wkoll diversi tobba kemm dawk li eżaminaw lill-imputat kif ukoll lis-surgent Gerada.

Xehedet ukoll **Dr Diane Tabone**, fejn ikkonfermat ic-certifikat mediku (ic-certifikat bhala Dok DT a fol 295) mahrug minnha fuq il-feriti li kellu s-surgent Gerada. Illi fil-fatt hija kienet ikklasifikatom bhala gravi iżda meta xehedet qalet li kienu ta' natura hafifa. Hija kkonfermat ukoll li ghajnejn is-surgent meta kienet qieghda tezaminah kienu homor u dan kien riżultat tal-pepper spray.

Xehed **Dr Mario Scerri**, min-naha tieghu kien gie mahtur biex jezamina kemm lil Generoso Sammut kif ukoll lil Jeffrey Gerada.

Meta xehed **Mr Charles Grixti**, xehed illi kien qieghed isegwi lil Generoso Sammut bhala "*out patient*" fejn qal li meta kien rah kien gie operat u tnehhietlu balla minn saqajh ix-xellugija. Qal ukoll illi l-imputat barra din il-ferita kellu ticrita f'rasu. Din it-tieni ferita kienet kompatibbli ma' blunt injury.

Xehed l-**Ispettur Carmelo Bartolo**, fejn qal illi huwa beda jinvestiga dan il-każ, wara rapport li kien daħal minhabba serqa li sehhet gewwa stabbiliment. Illi gara li l-Pulizija involuti li marru fuq ir-rapport tas-serqa kienu wkoll involuti fi sparatura fejn l-imputat sefa' ferut kif ukoll is-surgent Gerada. Skont dak li qalulu, is-surgent Gerada flimkien mal-kuntistabbli Curmi marru fuq il-post u kif niżlu raw vettura tal-għamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni AAA551. Illi meta huwa niżel fuq il-post sabiex jinvestiga din l-isparatura huwa nnota li l-luggage boot taghha kien miftuh. Ra wkoll li fil-karozza, quddiem is-seat tal-passiggier, kien hemm diversi oġġetti bhala qiesha xkora bajda, cash box ta' lewn blu kif ukoll fost affarijiet ohra ghodda li jistghu jintużaw ghal skop ta' serq kif ukoll karti qieshom notebook. Illi hdejn is-seat tax-xufier, kien hemm torch kbira ta' kulur griz li dehret imcappsa b'likwidu ahmar - aktarx demm. Kien hemm ukoll ticpis ta' demm ftit metri 'l boghod mill-vettura u viċin dan id-demm kien hemm canister iswed - pepper spray. Fil-kors tal-investigazzjoni tieghu kellem lil diversi persuni fosthom il-propjetarju tal-istabiliment Fra Ben u anki mar gewwa l-isptar u eleva l-arma tas-servizz tal-istess PS 90 Gerada kif ukoll somma ta' flus li kienet fuq il-persuna ta' Generoso Sammut. Dan kollox gie mghoddi lill-esperti nominati fl-inkjesta mill-Magistrat.

Illi wara sar jaf li kienet ukoll sehhet serqa minn Granny's Restaurant fejn irriżulta li kien insterqu flus kontanti li kienu madwar xi elf lira Maltin ta' dak iz-zmien. Huwa kien kellem lil Rachel Zammit fejn ikkonfermat xi fatti ohrajn fosthom li sabu kemm il-flus nieqsa kif ukoll cash box tal-metall ta' kulur blu li fiha kellha l-float. Meta ġiet murija ritratti ta' dokumenti li kienu instabu hija kkonfermat dokumenti migbura minn fuq il-post ta' Fra Ben, karti u flus ingezwrin.

Illi fuq il-vettura tal-ghamla Peugeot (bin-numru ta' reġistrazzjoni AAA551) li kienet fuq il-post fejn sehh il-kaz hareg li l-licenza mwahhla fuq i-windscreen ma kenitx taghha iżda kienet ta' vettura ohra bin-numru ta' reġistrazzjoni AAE194 fejn il-propjetraju taghha kien ċertu Jonathan Balzan fejn ukoll kien gie mitkellem. Illi skont dak li kien sab ilil-vettura tal-ghamla Peugeot li kienet reġistrata fuq l-imputat ma kenitx licenzjata u lanqas ma kienet licenzjata l-vettura ghas-sena in kwistjoni. Illi fil-kors tal-investigazzjoni kien ukoll ha stqarrija lill-imputat. Huwa esebixxa wkoll diversi dokument u cioe' dokument CB – certifikat mediku tal-imputat kif ukoll l-ircevuta tas-somma ta' tliet mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm329.00), li nstabu fuq il-persuna tal-imputat – Dok CB1, hames (5) ritratti, Dok CB2, illi kien uza fil-kors tal-investigazzjoni. Kif ukoll licence disks li jappartjenu ghal vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni AAA 551 u AAE194 dok CB u CB1. Illi matul il-kors tal-investigazzjoni kien intracca lil Jonathan Balzan fejn kelmu dwar il-license disk fuq il-vettura AAE194.

Xehedu wkoll **PS 612 Theo Vella** u **PS 644 Evan Camilleri**, mahtura bhala SOCO u fotografija, ezebew ir-relazzjonijiet taghhom a folio 412 – 450 tal-atti.

**Jonathan Balzan** ikkonferma li huwa kien sid il-vettura tal-ghamla Daewoo Racer bin-numru tar-registrazzjoni AAE194. Huwa kompla jghid li fis-sena 2003 kienu infurmawh li kien sab nieqes li l-licenzja tal-windscreen kienet nieqsa fejn ghamel affidavit fuq dan.

Minn naha tieghu **Nicholas Cutajar** ikkonferma li Jonathan Balzan kien klijent tieghu u li kien hu li ġibed l-attenzjoni lil Jonathan Balzan dwar il-licenzja tal-windscreen.

Xehed **Brian Farrugia**, f'isem id-Dipartiment tal-Licenzji, fejn qal lili l-vettura AAE194 kienet tal-marka Daewoo ta' kulur maroon, kienet registrata fuq Jonathan Balzan, u li kienet giet trasferita lil Mosta Auto Dealer. Dwar il-vettura AAA551 din kienet registrata fuq l-imputat minn Ottubru 2002 li kienet ta' kulur blu tal-marka Peugeot 306.

L-Ispettur **Carmelo Bartolo**, aktar tard rega' xehed u pprezenta zewg sentenzi a folio 776 – 777, u l-ohra 778 – 780, dawn in sostenn tal-akkuza tar-recidiva.

Fil-konfront ta' dawn is-sentenzi, xehed ukoll is-**Supretendent Neville Xuereb**, dwar is-sentenza moghtija mill-Imhallef Dr Caruana Colombo, datata 13 ta' Marzu, 1998, kontra Generoso Sammut. Qal illi hu kien kemm l-Ufficjal Investigattiv kif ukoll l-Ufficjal Prosekutur fl-istess, u gharaf lill-imputat bhala l-istess persuna li ghaliha tirreferi l-istess sentenza ezebita.

**L-Ispettur Pio Pisani** min-naha tieghu, xehed u kkonferma r-rapport illi hu stess ghamel fl-Inkjesta dwar l-incident illi sehh gewwa Fra Ben. Gharaf anke l-istqarrija li rrilaxxa l-istess imputat, ezebita bhala Dok PP, folio 189.

Xehdet **Rachel Zammit** dwar is-serqa li kienet ġiet irraportata gewwa l-Granny's Restaurant. Hija qalet li hija kienet marret fir-ristorant u sabet il-bieb tar-ristorant miftuh kif ukoll is-shutter mgholli. Meta dahlet gewwa rat li kien hemm xi affarijiet li naqsu fejn fosthom kien hemm flus tal-float liema ammont kien ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00) li kienu f'kaxxa blu kif ukoll xi zewg pagi. Illi żiedet tghid li ukoll rat li kaxxa tal-injam fejn kien hemm elf lira Maltin (Lm1,000.00) li dawn naqsu wkoll. Kien hemm dokumenti li jintużaw fir-ristorant li naqsu wkoll u gharfet ukoll dokuemnt li kienu esebiti bhala dok T1 u T2 li kienu miktubin mill-waiters li jahdmu fir-ristorant u l-oggetti fir-ritratti esebiti mill-ispettur Carmelo Bartolo.

Xehdet **Fiona Zammit** fejn ikkonfermat ukoll dak li rat u sabet nieqes minn gewwa Granny's Restaurant. Hija qalet li kien hemm kemm flus u dokumenti ohrajn li kienu tal-istess ristorant li naqsu. Hija kkonfermat illi kienet tat samples tac-chits, Dok T1 u Dok T2, lill-Perit Richard Aquilina, u kitbet fuqhom.

Minn naha tieghu **Charles Friggieri**, ic-Chef ta' Granny's Restaurant, xehed illi fil-gurnata tal-24 ta' Frar, sab il-bieb miftuh u x-shutter mgholli minn naha wahda fejn huwa cempel lil Rachel. Huwa ikkonferma li hu kien l-ahhar persuna li ghalaq il-bieb tar-ristorant. Meta gie muri id-dokument RZ1, diary gia' ezebit minn Rachel Zammit (a folio 185), ikkonferma li dan fih kien hemm

diversi kitba li kienu jaghmlu fih, kemm hlas, VAT u affarijiet ohra relatati mal-gurnata tar-ristorant. Ikkonferma wkoll illi mahduma l-flus u kif ghandhom jigu mqassam, dawn kienu jinkitbu fuq sheets u l-flus jinghalqu go boroz bil-karti ta' dak li huwa kien hadem, u jinghalqu go kaxxa tal-injam li kienet tkun maghluqa b'katnazz.

Xehdet **Maria Compano** fejn qalet li tahdem bhala waitress fir-ristorant fejn sehhet is-serqa. Hija nnotat li kien hemm kaxxa tal-flus imkissra u l-cash box nieqsa. Hija kkonfermat li d-diary Dok RZ, hija ġieli kitbet fih fejn hija kienet taghmel uzu minnu.

Xehed **John Zammit** bhala l-proprjetarju tar-restaurant misruq fejn qal li huwa kien gie nfurmat bis-serqa minn bintu.

Il-**Perit Richard Aquilina**, li kien gie nominat fl-Inkjesta, xehed dwar ir-relazzjoni tieghu Dok RA folio 161. Huwa kkonferma li kien għamel elenku tal-affarijiet elevati. Huwa wkoll kien ha samples ta' dokumenti li jintużaw ġewwa l-Granny's Restaurant sabiex ikunu jistgħu jitqabblu liema dokumenti T1 u T2 ġew murija lil Rachel Zammit u għarfet l-istess.

Xehed **PS 964 Robert Scicluna** min-naha tieghu, mahtur fl-Inkjesta ghal dan l-iskop, ipprezenta r-relazzjoni tieghu bir-ritratti mehuda wara s-serqa gewwa l-Granny's Restaurant, Dok RS a fol 346.

Il-Qorti kienet ordnat sabiex jittiehdu l-impronti digitali tal-imputat fejn dawn ittiehdu minn **PC 956 Andrew Camilleri**.

**PL Juliana Scerri Ferrante**, giet mahtura biex taghmel ezami komparattiv tal-impronti digitali mehuda waqt il-kors tal-proceduri ma' dawk il-lifters elevati mix-xena tas-serq Granny's Restaurant. Dan l-istudju komparattiv ta rizultat fin-negattiv (Dok SF a fol 406).

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija, u cioe':

- Fl-Artikoli 41(1)(a), 218, 216(1)(b), 96, 95, 250, 252, 261(c)(b)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 325, 334, 115, 120, 18, 183, 184, 49, 50, 533, 338(ee), 338(bb), u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 15(1)(a)(b)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, illum il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) datata 1 ta' Settembru 2020 u li wara din is-sentenza l-atti odjerni gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti sejra taghmel referenza dwar l-ammissibilita' tal-istqarrija tal-imputat. Illi ghandu jinghad li minn dak iz-zmien li kienet ingħatat is-sentenza saru diversi żviluppi f'dan il-qasam dwar l-ammisibilita' jew le tal-istess stqarrija mghotija minn persuna waqt l-arrest tieghu. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra timxi ma' dawn l-ahhar żviluppi u ghalhekk sejra taghmel referenza ghalihom.

Sejra ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**, f'liema kaz fl-istqarrijiet tieghu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien inghata parir minghand l-avukat tieghu li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda rrisponda ghad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-rizultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti ghalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm ghall-uzu personali tieghu, kif ukoll sabiex ibiegh minnha lil terzi. Fis-sentenza taghha, il-Qorti

Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti minghajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu:

> *"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*
>
> *37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali."*

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-kaz, kien inghata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tieghu u anke ezercita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tieghu ma jithallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u dan stante illi ma nghatax il-jedd ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu. Din kienet ukoll il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza taghha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema kaz dik

il-Qorti skartat bhala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, wahda minnhom guramentata, u dan ghaliex ghalkemm hija nghatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet taghha, madankollu hija ma nghatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx ghadu vigenti fiz-zmien in kwistjoni.

F'dan is-sens ukoll iddecidiet l-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u izjed ricentement fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Gunju 2019, f'liema kaz, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija minghajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu u minghajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Dicembru 2018, f'liema kaz l-appellat kien inghata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tieghu u anke ezercitah, izda ma nghatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-kaz, fiz-zmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx vigenti fil-ligi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali regghet irribadiet il-konkluzjonijiet taghha fis-sentenza precedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**:

> "*14. Ghalkemm, bhall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju ghadu ma sehh l-ebda ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, madankollu, kif osservat fil-kaz ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx ghaqli li l-process kriminali jithalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat Pistella ladarba din, ghallinqas f'parti minnha, ittiehdet minghajr ma Pistella kellu l-ghajnuna ta' avukat. Ghalhekk, ghalkemm ghadu ma sehh ebda ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, fic-cirkostanzi huwa ghaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda uzu mill-istqarrija fil-process kriminali sabiex, meta l-process kriminali jintemm, ma jkunx tnigges b'irregolarità – dik li jkun sar uzu minn stqarrija li ttiehdet minghajr ma l-interrogat kellu l-ghajnuna ta' avukat – li tista' twassal ghal konsegwenzi bhal thassir tal-process kollu.*"

Fil-kaz ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deciz mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti regghet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistharreg jekk sehhitx o meno lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Ghalkemm sabet li f'dan il-kaz sehhet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-decizjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu la darba kien hemm restrizzjoni sistematika fil-ligi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' access ghall-avukat, u ddecidiet illi l-Qorti ghandha dejjem tistharreg ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux ezawrjenti, elenkati fid-decizjoni taghha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-decizjoni taghha:

> "*(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*
>
> *150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*
>
> *(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
>
> *(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
>
> *(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
>
> *(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."*

F'dak il-kaz, meta l-Qorti Ewropea giet biex tezamina dawn il-kriterji fil-kuntest tac-cirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi sahqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi mehudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess kaz, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-access ghall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkuzat gie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija minghajr ma qabel inghata l-opportunita` li jkollu avukat prezenti u fil-kors tal-investigazzjoni gudizzjarja li sehhet wara, ma nghatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma nghata dan id-dritt f'atti investigattivi ohrajn sussegwenti. F'dawk ic-cirkostanzi, minghajr ma nghata informazzjoni cara dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verzjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-rizultat illi ghamel stqarrijiet, li ghalkemm ma kinux inkriminanti

fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tieghu, specjalment fir-rigward ta' akkuza partikolari. Dawn l-stqarrijiet gew ilkoll ikkunsidrati bhala ammissibbli fil-proceduri kontra tieghu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proceduri u fir-rigward ta' akkuza minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bazi taghhom huwa nstab hati.

Fil-kaz deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Generali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma nghatax id-dritt tal-access ghall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tieghu, u ghaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi gew lezi d-drittjiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluz li tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li permezz taghha kien instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u gie kkundannat ghal terminu effettiv ta' prigunerija.

F'dan il-kaz, wara li rreferiet ghall-kaz ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deciz mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt wahdu li persuna ma tkunx thalliet tinghata l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm ragunijiet impellenti ghal dan in-nuqqas, ma huwiex bizzejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, izda wiehed irid iqis il-process fit-totalità tieghu, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza wkoll ghad-decizjoni f'**Beuze v. Belgium** u ghall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq citati minn din il-Qorti) li a bazi taghhom wiehed ghandu jezamina l-proceduri fl-intier taghhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet procedurali fl-istadju ta' qabel il-proceduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "*20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniet, l-aggravju tal-attur – safejn ighid illi "l-fatt wahdu illi persuna li tkun instabet hatja ma*

*tkunx thalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha fil-mument tal-investigazzjoni u l-ghotja ta' stqarrija lill-pulizija, minhabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigh xieraq ta' dik l-istess persuna taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa hazin u huwa michud.*

*21. Fil-kaz tallum kien hemm raguni tajba ghala l-attur ma thalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raguni hi li kien hemm il-hsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien mehtieg li l-attur ma jithalla jikkomunika ma' hadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*

*...*

*23. L-attur inghata t-twissija li trid il-ligi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fic-cirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodici Kriminali. ... Hlief ghall-fatt li ma kellux avukat dak il-hin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veracità tal-istqarrija.*

*24. Ghandu jinghad ukoll illi l-attur ma nzammx aktar milli kien mehtieg biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien mehlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, l-istqarrija maghmula lill-pulizija ma kinitx ir-raguni li wasslet ghall-kundanna tal-attur: L-attur instab hati mill-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ghax ammetta l-htija ghal dawk l-akkuzi li ma gewx ritirati. Dan ghamlu fil-prezenza tal-avukat wara li ikkonsulta mieghu u quddiem magistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jehodha lura.*

*26. Tassew illi l-attur ighid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien gà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...*

*27. Dan jista' f'certi cirkostanzi jkun fattur relevanti, izda fil-kaz tal-lum l-attur seta' jichad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta ghamilha u ghalhekk l-istqarrija ma ghamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taht l-art. 658 tal-Kodici Kriminali – seta' sahansitra jirtira l-ammissjoni li ghamel quddiem il-qorti – ghax il-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn gudikant togat, kienet taf bizzejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet inghatat qabel, li ma kellhiex toqghod fuq l-istqarrija wehedha, aktar u aktar jekk tkun giet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda ohra li ma thallix dubju dwar il-htija. Bilkemm ghalfejn nghidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tieghu u fid-dar fejn kien joqghod.*

*28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux ghax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta izda ghax kien jaf bix-xiehda l-ohra kontrieh u biex jiehu l-beneficcju, li fil-fatt inghata, taht l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap. 101]."*

Illi wkoll din il-Qorti tagħmel referenza ghal kawża mghotija riċentement mill-Qorti tal-Appell deċiża nhar il-5 ta' Jannar 2023 mill-Imħallef Dr C. Scerri Herrera fl-ismijiet **il-Pulizija vs George** Catania fejn ukoll ġie ritenut li persuna miżmuma taht arrest u waqt l-interogatorju ma kienx assistit minn avukat wassal sabiex tiġi skartata wkoll l-istqarrija li ġiet rilaxxata. Illi għalhekk fuq dawn l-iżviluppi din il-Qorti din il-Qorti qeghda tiskarta l-istqarrija maghmula mill-istess imputat.

**Ikkunsidrat**

**It-Tentattiv ta' Griehi Gravi**

Tgħaddi issa l-Qorti biex teżamina l-Artikoli addebitati, dawk mogħtija taht l-Artikoli 41(1)(a), 216(1)(b), 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din il-Qorti rat dak li qalu kemm is-surgent Gerada u l-kunstistabbli Curmi ta' x'gara dak il-hin tal-isparatura. Illi l-imputat waqt li kien qieghed fuq il-post kien semma l-isem ta' Amadeo fejn is-surgent Gerada hassu li kien mhedded b'dan il-kliem

minhabba kaz iehor li huwa kien involut fih. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn l-imputat kien jaf li s-surgent Gerada kien Pulizija dak il-hin li gew fuqhu. Illi wkoll l-istess xhieda qalu li huma identifikaw ruhhom bhala Pulizija ghalkemm kienu pajżana dak il-hin. Illi ftit mumenti wara l-imputat dahal fil-vettura u kien ghalhekk li s-surgent dahal jigri warajh minhabba li qabel kien ra xi ghodda u affarijiet ohra konnessi mas-serq fejn dak il-hin l-istess surgent haseb li seta' johrog xi haġa li tista twassal li jwegghahom. Illi kien ghalhekk li dahal ghalih fil-vettura u minn hemm l-imputat spiċċa uza pepper spray fuqhu tant li kellu ghajnejh milquta.

Illi l-fatti kienu skont kif qal l-istess PS 90 J. Gerada (a fol 53) li dak il-hin kellu l-arma f'idejh. Meta dahal ghall-imputat fil-vettura, l-imputat u hu spiċċaw barra u kien dak il-hin li l-imputat beda jipprova jiehu l-arma minn idejh. Kien hemm ġbid min-naha ghall-ohra iżda l-arma kienet f'idejn is-surgent fejn qal li huwa kien qieghed iżomm l-arma mill-manku u mill-kanna ta' quddiem. Kien f'dan il-mument li hadet l-arma u weggha s-surgent f'idejh iżda l-arma kienet ghada f'idejh u mhux ghand l-imputat. Fil-fatt a fol 155, l-istess surgent semma li kien spara fid-direzzjoni tal-imputat fejn ukoll a fol 175 li f'mument kellu biża li l-imputat seta' jehodlu l-arma minn idejh u ordna lill-kollega tieghu sabiex jispara fuq l-imputat. Illi l-ewwel tir li harget mill-arma tas-surgent sehhet fit-taqtiegha li kellu mal-imputat iżda kien ukoll possibbli għalih li jispara t-tieni tir fid-direzzjoni tal-imputat. Dan juri li fil-fatt l-arma kienet dejjem f'idejn is-surġent tal-Pulizija u qatt ma' kienet f'idejn l-imputat. Kompla jgħid a fol 180 li meta hass li kien se jitlef il-kontroll tal-arma qal lill-kollega tiegħu sabiex jispara fuq l-imputat.

Illi wkoll l-istess PC 1337 Kevin Curmi ikkonferma li fil-fatt l-arma kienet għada f'idejn is-surgent meta bdiet speċi ta' ġlieda (a fol 98). Wara li ġiet sparata l-ewwel tir, l-arma kienet f'idejn is-surġent ghax fil-fatt l-imputat kien għadu qiegħed jissielet biex jehodlu l-arma (a fol 99). Fil-fatt meta l-imputat nqala minn fuq is-surgent, huwa ma kellux armi f'idejh iżda kienet f'idejn is-surġent. Kompla jżid jgħid li mal-arma kien hemm erba' idejn (a fol 103) u fil-fatt semma li ġieli l-arma kienet ippuntata lejn l-imputat u ġieli lejn is-surġent. Illi minn dan kollu li qalu l-istess żewġ xhieda, l-arma tal-pulizija

kienet f'idejn PS 90 Gerada u ħadet fil-mument li kien qiegħed jissielet mal-imputat. Illi hadd mix-xhieda ma semma li kienet taht il-kontroll tal-imputat tant li fil-fatt li ma kenitx hekk li s-surgent kellu opportunita' li jispara fid-direzzjoni tal-imputat. Fil-fatt mill-provi ħareġ li mill-arma ġew sparati żewġ tiri li waħda minnhom laqtet lil PS 90 Gerada.

Illi mill-artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali hemm dak li dan ir-reat huwa ta' tentattiv u cioè l-applikazzjoni tal-artikolu 41(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta għal dak li jirrigwarda fl-artikolu 218 u 216(1)(b). Illi qabel xejn li ħareġ mill-fatti tal-każ, irid jiġi pruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni speċifika li jikkaġuna waħda minn dawk il-feriti li hemm imsemmija fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi għalhekk il-prosekuzzjoni trid tressaq dik il-prova li kien hemm l-intenzjoni speċifika li jwassal lil din il-Qorti li tara li seta' hemm sejbien ta' ħtija.

Illi ghandu jinghad fin-Nota ta' Rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 41(1)(a), 216 (1)(b) u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' ta' attentat tal-offiza gravi fuq il-persuna. Rigward l-akkuza dwar it-tentattiv tal-offiza gravi fuq il-persuna jinghad qabel xejn illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara.

> *"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistghax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dan jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid:

*"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law),*

Izda imbaghad izid:

*"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

*"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) Jghid f'pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesion gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la*

*premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto – il canone probatorio in dubio pro reo."*

U ikkonkludiet:

*"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."*

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta' dana l-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk f'dana il-kaz tistax tirrizulta htija dwar it-tentattiv ta' griehi gravi. Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravíssima l-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma. Issa kif diga inghad l-unika prova li hemm fl-atti li titfa' dawl fuq id-dinamika ta' dan l-incident hija dak li qalu l-Pulizija li kienu involuti fil-kaz.

Illi minn dak li qalu l-istess zewg membri tal-Pulizija li kienu involuti fl-arrest tal-imputat, l-arma tal-Pulizija qatt ma qalu li kienet taht il-kontroll tal-imputat. Illi l-ewwel darba li hadet kien fil-mument tat-taqtiegha bejn l-imputat u s-surgent fejn kien hemm mumenti li l-imputat kien qieghed jigbed l-arma lejh. Illi fil-fatt PC Kevin Curmi qal li l-arma gieli kienet qeghda thares lejn l-imputat waqt it-taqtiegha u anki mumenti lejh u fid-direzzjoni tas-surgent PS 90 J. Gerada. Illi ghalhekk ma jistax jinghad li l-imputat kellu kontrol tal-arma. Illi din l-arma hadet minhabba it-taqtiegha ghaliha u hadd ma qal li l-imputat hadha f'idejh u spara fid-direzzjoni tal-Pulizija. Illi ma' dawn il-fatti hemm ukoll li l-istess PS J. Gerada irnexxielu jispara lejn l-imputat u ghalhekk turi li kien ghad hemm kontrol tal-istess arma u dan hareg kemm mill-ezamijiet li saru mill-esperti li minn din l-arma hargu zewg tiri.

Illi minn dak li gie kwotat kemm mill-fatti tal-kaz u anki mill-gurisprudenza, element essenzjali f'dan il-kaz hija l-intenzjoni specifika. Illi hija l-prosekuzzjoni li trid iggieb il-prova ta' din u cioe' li l-imputat kellu intenzjoni specifika li joqtol jew inkella li jikkawza xi griehi gravi fuq il-persuna. Illi ma rriżulta minn ebda prova li l-imputat wera din l-intenzjoni. Illi huwa fatt li huwa prova jiehu l-arma minn idejn is-surgent izda ma jistax jinghad li fil-mument li kien hemm l-ewwel sparatura fejn intlaqat is-surgent kien hu li ghafas il-grillu u hadet. Illi dan il-fatt johrog mill-istess xhieda ta' PS 90 li l-arma hu kien qieghed izomma kemm mill-manku kif ukoll mill-kanna waqt li l-imputat beda jigbed biss l-arma b'idejh it-tnejn. Illi ghalhekk mill-provi tal-

kaz ma jirrizultax li l-imputat kellu intenzjoni specifika li jikkaguna feriti gravi fuq PS 90 J. Gerada.

Illi f'dan il-kaz l-imputat huwa akkużat b'tentativ ta' feriti gravi u bla dubbju ta' xejn is-surgent Gerada wkoll sofra griehi fil-pala ta' idejh fejn irriżulta li kienet ikkaġunata minn arma tan-nar li kienet f'idejh fil-mument tat-taqtiegha mal-imputat. Min-naha tieghu l-istess surġent Gerada qal li huwa kellu d-demm u jdejh mifqugha.

Illi min-naha taghha Dr Diane Tabone, meta harget ic-certifikat mediku kienet ikklasifikat l-griehi tas-surgent Gerada bhala gravi. Illi pero' meta xehedet qalet li kienu ta' natura hafifa ghax ma kellux long-term complications. Illi ghalhekk mix-xhieda ta' l-istess tobba li ezaminaw lis-surgent Gerada ma kienux tali li jaqghu taht l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk lanqas taht l-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi kif inghad hawn fuq lanqas gie pruvat li l-imputat kellu xi intenzjoni speċifika li jikkaġuna xi wahda mill-griehi msemmija taht l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ai termini kif l-imputat gie addebitat bit-tentattiv ta' griehi ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 41(1)(a). Illi l-feriment tas-surgent kien riżultat tat-taqtigħa għal arma u mhux għax l-imputat prova jispara fid-direzzjoni tas-surgent. Illi kif inghad ma nġiebet ebda prova li f'dak il-mument l-imputat kellu kontroll tal-arma li tali wassal li spara fid-direzzjoni tas-surgent jew inkella li kellu dik l-intenzjoni specifika li tista twassal ghal xi wahda minn dawk il-griehi messmija fl-artikolu 216. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib htija taht l-Artikoli 41(1)(a) u 216 (1)(b), 218, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-Artikolu 250 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi mal-akkuzi li nghataw fil-konfront tal-imputat hemm dak taht l-artikolu 250 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan l-artikolu jaghmel referenza ghar-reat ta' rikatt. Illi mill-provi li hargu fil-kaz odjern ma rriżulta xejn li kien hemm xi rikatt min-naha tal-imputat fil-konfront tas-surgent Gerada. Illi l-imputat skont ix-xhieda mghotija kien semma l-isem ta' Amadeo, liema isem ma kienx gdid ghas-surgent Gerada. Dan l-isem isemma minhabba l-fatt li l-

imputat kien gharaf lis-surgent minhabba li kellu kaz iehor ma' din il-persuna li ssemmiet. Illi però minn dan il-fatt biss ma jirriżultax li b'xi mod l-imputat uza dan il-kliem sabiex jirrikatta lis-surgent Gerada u dan ghal sempliċi raġuni ghax kien gharfu. Illi mhux car x'kienet ir-raguni li isem ta' Amadeo issemma u din il-Qorti mhux sejra tidhol fi spekulazzjonijiet ta' x'setghu kienu r-ragunijiet. Ghaldaqstant ma ssibx htija taht dan ir-reat.

Illi l-imputat gie wkoll akkużat dak li hemm taht l-artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta iżda llum dan ir-reat gie mhassar fis-sena 2018 u ghalhekk ladarba m'ghadux fis-sehh, il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni aktar ta' dan ir-reat addebitat lill-imputat.

**Serq Aggravat**

Illi l-imputat gie wkoll akkuzat b'serq aggravat bil-hin, bil-valur u bil-mezz ghal dak li hemm taht l-artikoli 261(c)(b)(f), 263, 267, 270, 278, 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz ma tressaq hadd sabiex jixhed u jghid li l-imputat kienu rawh diehel gewwa l-istabiliment fejn sehhet is-serqa. Illi l-provi indizzjarji huma fatturi li jistghu iwasslu ghal sejbien ta' htija tal-imputat. Illi mill-fatti tal-kaz jemergi li fl-istess vettura tal-imputat instabu ghodda li ghandhom konnessjoni mas-serq u dan qieghed isir referenza ghal puntell u lieva li nstabu fil-vettura tieghu. Illi wkoll hemm il-kwistjoni ta' diversi oġġetti ohrajn li nstabu liema oġġetti meta murija lix-xhieda gew mgharfa li kienu taghhom. Illi dawn l-oggetti bhal kaxxa tal-float, chits u oġġetti ohra kienu gew misruqa minn gewwa Granny's Restaurant li kienet ghada kemm sehhet ftit qabel matul il-lejl.

Illi ma' dawn il-fatturi hemm żewġ aspetti li l-Qorti trid tidhol fihom u cioe' l-provi cirkostanzjali kif ukoll t-teorija tar-*recent possession*. Illi dwar il-prova indizzjarjal-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza mghotija fl-ismijiet r-**Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet issegwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni*

*wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-kaz fl-ismijiet **Pulizija vs Paul Grech** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

*'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-kaz **Pulizija vs James Abela** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u*

*li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada** datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Harsa wkoll dak li jghid il-gurista Ingliz, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' taghha qal hekk:

*'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of… (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

Illi ma’ dawn il-fatti kif spjegati hawn fuq hemm ukoll it-tieni ċirkostanza tat-teorija tar-recent possession fejn inghad fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Charlotte Curmi) Vs Christopher Scerri**' (Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 2020. (Appell Numru: 183/2017) gie kkunsidrat li:

*'Jibda biex jinghad illi l-appellant gie misjub hati tas-serqa li sehhet fis-26 ta’ Awwissu 2015 minn gewwa ir-residenza 87, Triq is-Sienja Kalkara meta arlogg ta’ l- idejn li kien fost ir-res furtiva jinstab fil-pussess tieghu ftit taz-zmien wara li sehhet dina is-serqa u hu jonqos milli jaghti spjegazzjoni dwar dan il-fatt. L-appellant jilmenta illi din il-prova wahedha ma kenitx bizzejjed b’sahhitha sabiex twassal lill-Ewwel Qorti issibu hati ghal dina s-serqa u li fl-aghar ipotesi huwa seta jinstab hati biss ghal kummissjoni tar-reat ta’ ricettazzjoni.*

*Fil-fatt fid-deċiżjoni mogħtija mill-Imħallef l-Onor.Vincent DeGaetano fis-26 t’Awwissu 1998 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Emanuel Seisun U Pius sive Pio Micallef’ intqal dan li ġej:*

***‘It-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) mhix xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għall-ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġonevolment għall-konkluzjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta’ serq tal-oġġetti misjuba għandha jew, skont iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta’ riċetazzjoni ta’ dawk l-oġġetti.’ (Volum LXXXII 1998 Part IV fol 322).***

*Fl-istess sentenza l-Qorti kkwotat estensivament mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 1997 paras 21-125, 21-126.*

***‘There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The ‘rule’ is, it is submitted, that where it is proved that premises have been***

*entered and property stolen thereform and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should so be directed: see R v Loughlin, 35 Cr.App.R 69; R v Seymour 38 Cr App.R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.*

*In R v Smythe 72 Cr.App.R.8.C.A., the court stressed that there is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence 5th ed., p.49 (now 8th ed p.35):*

*If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that he explanation he does offer is untrue. Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in*

***such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occured, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the available evidence.'***

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur David Saliba) v Jesmond Gatt**' (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Jannar, 2001 kif ukoll giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali Fis-6 ta' Settembru, 2001 (Appell numru: 18/2001) gie kkunsidrat li:

*'**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** 1996 pg.1813 para F3.28 jiddisponi is-segwenti:-*

*"In cases of handling and theft, on proof of admission of the fact that the accused was found in possession of property so shortly after it was stolen that it can fairly be said that he was in recent possession of it, the jury should be directed that such possession calls for explanation, and if none is given, or one is given which they are convinced is untrue, they are entitled to infer, according to the circumstances, that the accused is either the handler or the thief and to convict accordingly." **Cross and Tapper** fil-ktieb taghhom '**Evidence**' pagna 35 ighati l-istess spjegazzjoni ghat-teorija in esami u cioe huma ighidu s-segwenti:-*

*"If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in*

*which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen."*

*Meta l-avukat difensur tratta fuq dan il-punt huwa sostna illi l-oggetti misruqa ma instabux ghand l-imputat immedjatament wara li s-serqa giet rapportata izda l-ghada u ghalhekk kien hemm hafna zmien sabiex l-oggetti in kwistjoni jigu trasmessi minn id ghal id u ma ifissirx li kien l-imputat li kkommetta s-serqa.*

*Dwar il-hin necessarju sabiex il-pussess jissejjah ricenti l- Qorti tghamel referenza ghall-istess awturi fuq imsemmija u in partikolari lil* ***Cross and Tapper*** *li ighidu is-segwenti.*

*"It goes without saying that what constitutes recent possession within the meaning of the above doctrine is a question of fact depending on the circumstances of the particular case, but it must be emphasised that, even if no explanation is given by the handler, the jury are entitled but not compelled to convict."*

***Archbold*** *fl-opera fuq citata ighid:-*

*"Relevant factors include the nature of the property, its salability, and any evidence other than of the accused's possession of the goods, connecting him with the nature of the offence charged."*

Din it-teorija tal-pusess ricenti tal-haga misruqa ilha ghal numru konsiderevoli ta' snin dejjem tigi accettata u addottata mill-Qrati taghna b'mod konsistenti anke minn din l-istess Qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Silvano Cilia deciza fil-wiehed u tletin ta Mejju 2000**. Din it-teorija kif gie ritenut fis- sentenza moghtija **nhar il-hdax ta Dicembru 1998** fil-kawza fl- ismijiet **Il-Pulizija vs Freddie sive Alfred Zahra'**, qieghda hemm sabiex jigi stabbilit in-nexus bejn id-delitt ta serq, li ghandu fl-ewwel lok jigi ppruvat li sar, u s-suspettat li ghandu tinsab ir-res furtiva ftit tal-hin jew zmien wara s-serqa, nexus li purche jigu stabbiliti r-rekwiziti kollha ta din

it-tejorija Jwassal sabiex jorbot lill-pusessur bis-serq tal-oggett misruq ghandu ftit tal-hin wara s-serqa.

Il-fatti tal-kaz li ghandha quddiema din il-Qorti, u anki marbut mal-fatt li fil-pussess tal-imputat instabu diversi oggetti li kienu nsterqu minn gewwa l-istabiliment fejn l-istess impjegati u sidien tal-istess Granny's Restaurant ikkonfermaw li l-oggetti misjuba kienu jaghmlu uzu minnhom u kienu taghhom. Illi dawn l-oġġetti nstabu ftit wara li sehhet is-serqa u meta gew il-Pulizija fuqhu kien għad hemm l-oġġetti in kwistjoni fil-vettura tiegħu. Illi ma' dak li ntqal hawn fuq dan iwassal minghajr ebda dubbju li l-imputat kien involut fis-serqa ta' dan l-istabiliment li wassal sabiex flus li jammontaw ghal aktar minn mitt Lira ta' dak iz-zmien gew misruqa. Illi c-cirkostanzi tal-kaz iwasslu li kienet sehhet matul il-lejl u dan ghal fatt ukoll li l-arrest tieghu sehh dawk il-hinijiet fejn instabu oġġetti relatati ma' dan l-istess stabbiliment kif ukoll is-sejba tal-ghodda tas-serq gewwa l-vettura tieghu.

Ghalhekk hija konvinta mill-htija tas-serq kif gia' suespost, u dan ai termini tal-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, u 279, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ir-reat ta' Ricetazzjoni**

Tillibera lill-imputat mir-reat kontemplat taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' dak ta' ricettazzjoni, ghax tqis illi dan gie hekk addebitat bhala wiehed alternattiv ghas-serq.

**L-akkuza taht l-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Supt. Bartolomeo Mula u Spett. Emmanuel Cassar) vs. Vincent Calleja**' Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminli fis-7 ta' Marzu, 2002 :

> *'Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, dan ghandu jiftiehem li ir-reat ta' danni volontarji kontemplat fit-raba' akkuza dedotta kontra l-appellant , serva biss bhala mezz ghall-fini u ghalhekk -biss ghall-fini ta' piena - kellu jigi kompriz u involut fil-ewwel zewg akkuzi ta' serq,*

*dan l-aggravju jimmerita certa konsiderazzjoni, ghaliex ,ovvjament, jekk il-hsara riskontrata kienet limitata biss ghall-fatt tal-isgass fuq l-aperturi tad-djar koncernati dan l-aggravju ikun fondat. Jekk invece jirrizulta li min dahal biex jisraq, ghamel hsara ohra bla bzonn u mhux necessarjament biex jikseb access ghall-fond, allura ir-reat jista' jikkonfigura ruhu xorta wahda "on its own merits" u ma jkunx jista' jigi invokat l-beneficcju tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali.'*

Illi din il-Qorti sejra timxi fuq dak li qalet il-Qorti fuq dan il-kaz. Illi mill-fatti tal-kaz, tara li l-imputat aġixxa bil-ksur sabiex jkollu aċċess ghal gewwa ir-ristorant bi skop ta' serq. Illi f'dan il-kaz ma tressqet l-ebda prova li l-imputat dahal gewwa sabiex jkisser iżda biss biex jidhol jisraq. Illi ghalhekk tara li dak li hemm fl-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta serva biss bhala mezz ai fini sabiex jikseb aċċess gewwa. Illi ghalhekk din il-Qorti qeghda tara li hija assorbita fis-serq aggravat bil-mezz.

**Reati kontemplati taht l-artikolu 115 u 120 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Fil-konfront tar-reat addebitat taht l-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ftit ghandha xi tghid din il-Qorti, hlief illi dan certament ma jirrizultax ghaliex l-imputat zgur illi mhux ufficjal jew impjegat pubbliku.

Illi mal-artikolu 115 hemm ukoll l-artikolu 120 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala akkuza mghotija fil-konfront tal-imputat. Illi din ir-referenza hija ghal fatt li l-imputat kien offra somma ta' flus lill-ufficjal pubbliku sabiex jitilquh. Illi mix-xhieda mghotija hareg li l-imputat kien offra s-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10.000) illi ovvjament dan ma sehhx. Illi ghalhekk il-Qorti tara dak li hemm fl-artikolu 120(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn f'sitwazzjoni simili ghal dan il-kaz, l-ufficjal pubbliku m'ghamilx dak li kien qieghed jippretendi l-imputat, u ghalhekk tpoġġi lilhu bl-akkuza ghal dak hemm f'dan l-artikolu u cioe' li:

*(2) Jekk l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra ma jagħmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li tħajjar lil dan l-uffiċjal jew impjegat*

*pubbliku jew persuna oħra biex jagħmel id-delitt teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin:*

Illi din il-Qorti m'ghandha ebda diffikultà li temmen il-verzjoni tal-ufficjal tal-Pulizja ghal dak il-kliem li qallu l-imputat dwar l-ghoti tas-somma ta' flus sabiex jitilqu u ghalhekk ghandu jwieġeb ghal din l-akkuza minghajr ombra ta' dubbju li kien qal dan il-kliem u ghalhekk ghandu jinstab hati taghha.

**L-Akkuzi taht l-Artikolu 95 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-imputat ġie wkoll addebitat bir-reati taht l-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu jinghad li dawn l-artikoli 95 u 96 gew emendati fis-sena 2014. Dawn iz-zewg reati jipotizzaw il-kommissjoni ta' reat fil-konfront ta' ufficjal pubbliku. Madankollu hemm differenza netta bejn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-ligi. L-Artikolu 95 jikkontempla l-ingurja, it-theddid jew l-offiza li ssir fuq il-persuna ta' ufficjal pubbliku (1) waqt illi dan ikun qed jaghmel servizz pubbliku; jew (2) minhabba li jkun ghamel dan is-servizz; jew (3) bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

L-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja, it-theddida u l-offiza meta kommessi fl-ewwel xenarju u cioe` fil-waqt illi l-ufficjal pubbliku jkun qed jaghmel servizz u dan il-motiv fit-tieni u fit-tielet xenarji msemmija fil-paragrafu precedenti. Dan ghaliex meta l-oltragg jitwettaq fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti servizz, mhux necessarju illi l-ingurja jew it-theddid ikunu marbuta mal-funzjoni illi l-ufficjal ikun qieghed jezercita. F'dan ir-rigward l-awturi Cheveau et Helie, li jirreferi ghalihom ukoll il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu hekk:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre.*"

Fiz-zewg sitwazzjonijiet l-ohra, imbaghad, jehtieg illi jigi stabbilit ness bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika. Dan ir-reat jehtieg ukoll illi jigi mwettaq fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku. Dwar dan il-Professur Mamo jghallem illi:

> "*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.*"

Illi PS 90 J. Gerada meta kien gie mghajjat sabiex imur jinvestiga dwar rapport ta' serqa u fil-mument li kien ra lill-imputat dak il-hin huwa kien qieghed iwettaq id-doveri tieghu bhala ufficjal pubbliku. Illi waqt dawn ic-cirkostanzi kien hemm mument fejn l-istess imputat semma isem ta' persuna li kienet maghrufa mill-istess Pulizija u aktar mill-istess PS 90 J. Gerada minhabba cirkostanzi gravi ohra fejn huwa hassu mhedded. Illi l-unika kliem li ntuza fil-konfront tas-surgent Gerada kien biss li kien gharfu bhala l-persuna li kellha x'taqsam fil-kaz ta' Amadeo.

Illi ghalhekk il-Qorti trid tara wkoll dak li hemm fl-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk fic-cirkostanzi tal-kaz dan ir-reat jinkwadrax ruhhu wkoll. Illi sabiex din il-Qorti tara jekk fil-fatt jezistux ir-rekwiziti ghal dan ir-reat li l-imputat qieghed jigi akkuzat bih, il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' April 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clayton Baldacchino**, huma tlett elementi essenzjali li jsawwru r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9:

> "*1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or*

*the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."*

*Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.*

*2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".*

*3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

*"Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Dwar dan l-element hekk sottolineat, fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** tat-12 ta' Settembru 1996, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament preseduta qalet hekk:

"*Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed jezegwixxi il-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex*

*iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis-sens ta'l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95."*

Illi kemm PS 90 J. Gerada u l-kuntistabbli Curmi kienu fuq il-post sabiex jinvestigaw rapport li kien dahal fuq serqa. Illi kien ghalhekk li huma niżlu jfittxu fl-akwati u meta lemhu lill-imputat jarmi xi karti qajjem suspett fihom. Illi l-agir taghhom huwa relatat mal-obbligi taghhom bhala Pulizija u kien ghalhekk li huma identifikaw ruhhom li kienu tali u kienu dentifikaw ruhhom bhala Pulizija tas-CID. Tant li f'mument minnhom waqt li kienu viċin l-imputat dahal jiġri fil-karozza tieghu fejn spiċċa uza pepper spray fuq is-surgent bil-konsegwenzi li sehhew wara u cioe' kemm l-istess imputat sofra griehi kif ukoll l-istess PS 90 J. Gerada spiccaw feruti b'arma tan-nar. Illi kien ghal din ir-raguni li l-imputat aġixxa b'mod vjolenti fil-konfront tal-Pulizija minhabba li kien gharaf lil PS 90 J. Gerada. Illi bla dubju ta' xejn l-imputat attakka lill-ufficjali tal-Pulizija sabiex huwa jipprova jahrab minn fuq il-post wara li nqabad ftit wara li huwa kien involut f'serqa. Ghaldaqstant, tqis li r-reati taht l-artikoli 95 u 96 gew sodisfacatament ippruvati.

**Akkuzi taht l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat gie akkużat ukoll ghal dal li hemm taht l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jaghmel referenza dwar falsifikazzjoni ta' atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx uffiċjal pubbliku. Waqt li l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jidhol fil-kwistjoni fuq li xjentement jaghmel uzu ta' dawn id-dokumenti msemmija fl-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi wara li din il-Qorti rat il-provi kollha mressqa, minn imkien ma ħareġ li l-imputat għamel xi falsifikazzjoni ta' atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank privat. Illi lanqas ma nġiebet evidenza li minn naħa tiegħu għamel użu minn dawn id-dokumenti msemmija fl-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ma ssibx htija taht dan l-Artikolu 183, u ghalhekk lanqas dak marbut mieghu taht l-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Akkuzi Kontravenzjonali**

Illi l-imputat ukoll gie akkużat bil-kontravenzjonijiet msemmija taht l-artikoli 338 (ee) u 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ghal dak li hemm fl-artikolu 342 tal-istess Kap. Illi minn dak li qalu z-zewg xhieda l-imputat ma obda ebda ordni li huma tawh, tant li huwa spiċċa jaggredixxi lil Pulizija involuti fl-arrest tieghu fejn infexx anki f'dagha. Illi ghalhekk issib ukoll htija tar-reati kontravenzjonali minhabba l-agir vjolenti fiziku u verbali fil-konfront tal-Pulizija. Illi minbarra dak li hemm f'dawn iz-zewg kontravenzjonijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 342 li l-piena stabbilita f'dan il-kaz m'ghandhiex tkun anqas minn dik stabbilita.

**L-Akkuzi taht il-Kap 65 u Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll bir-reati msemmija fl-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mix-xhieda hareg li licence disc li kienet tappartjeni ghal vettura Daewoo Racer bin-numru AAE 194 kienet ġiet nieqsa u dan skont ma qal l-istess propjetarju Jonathan Balzan. Illi gara li din il-licenzja instabet fuq vettura ohra li kien qieghed jaghmel uzu biha l-imputat. Illi l-akkuza prinċipali ghal dan il-kaz hija dak li l-Avukat Generali kien ghamel referenza ghaliha fiz-zmien tal-kaz fejn elenka l-artikoli 15(1)(a)(b)(2)(3) tal-Kap 65.

Illi fir-rigward ghal dak li hemm fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 marbuta ma' dak li hemm fl-akkuza taht il-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, mix-xhieda prodotta ma kenitx cara jekk fil-fatt l-imputat kellux il-vettura liċenzjata jew inkella li kellha assigurazzjoni. Illi minn dak li qal l-ispettur Bartolo li huwa iccekkja wkoll illi l-licenzja tas-sewqan tal-vettura tal-imputat ma kinitx licenzjata u lanqas ma kienet licenzjata l-vettura ghas-sena in kwistjoni. Illi però meta xehed l-istess Brian Farrugia fuq il-vettura kull ma' qal li din il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAA 551 kienet liċenzjata fuq l-imputat.

Illi prova tal-fatt li kienet b'licenzja mhux rinnovata jew li kellha assigurazzjoni ma tressqitx. Illi ghalhekk lanqas prova tal-fatt jekk din il-vettura kellhiex assigurazzjoni ma tressqet u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija ghal dak li hemm fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 kif ukoll taht l-artikolu 3(1)(2) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan il-kaz, mill-provi mressqa ma hareg minn imkien li l-imputat kien halla lil xi haddiehor jaghmel uzu minn din il-vettura ghal dak li hemm taht l-artikolu 15(1)(b) tal-kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk ma jistax l-imputat jinstab hati taghha.

**L-Akkuza dwar Arma**

L-imputat gie akkuzat ukoll taht l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66, liema Kapitolu m'ghadux jeżisti u minfloku hemm Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-fatti tal-każ irriżulta, li sehhet taqtigħa bejn l-imputat u s-Surgent Gerada ghall-pussess tal-arma tal-istess Surgent. Is-Surgent Gerada dejjem baqa' jsostni li kellu jdejh it-tnejn fil-bidu tal-glieda fuq il-pistola, u biss wara li l-isparatura laqtitu f'idejh li zamm l-arma b'id wahda. Qatt ma gie pruvat illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu wahdu l-arma in kwistjoni. Gie pruvat pero skont din il-Qorti, kemm ghax hekk xehdu l-pulizija u anke ghax instab dan il-cannister fuq il-post, illi l-imputat sprejja pepper spray f'wicc is-surgent Gerada fejn ukoll laqghat anke b'dan lil Kuntistabbli Curmi.

Issa d-definizzjoni ta' arms proper, kif kienet tinstab fil-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, insibuha wkoll fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, precizament l-Artikolu 64(1) tal-istess, illi jaqra:

> "*64. (1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.*"

Illi illum hemm il-Kapitolu 480 l-Att Dwar l-Armi li ha post il-Kap 66 fejn fl-istess artikolu 2 tal-Kap 480 jaghmel referenza ghad-definizzjoni li hemm fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta speċifikament fl-artikolu 64 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bla dubbju ta' xejn l-imputat ghamel uzu minn pepper spray kontra l-ufficjali tal-Pulizija u mid-definizzjoni mghotija fl-artikolu 64 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, pepper spray huwa ntiz jew jista' jkun intiz ghal skopijiet offensivi fl-ambitu ta' din id-definizzjoni. Illi ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija ta' dan ir-reat.

**L-Akkuza tar-Recidiva**

Rat ukoll li apparti l-akkuzi ohrajn li nġiebu kontra l-imputat hemm dik l-addebiti tar-recidiva u s-sentenza ezebita, u din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Abela Paul moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

> *"L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
>
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... "*

Illi f'dan il-kaz tela jixhed is-supretendent Neville Aquilina fejn ikkonferma li l-imputat huwa l-istess persuna msemmija fis-sentenza esebita a fol 794 fejn huwa kien l-ufficjal prosekutur fiha. Illi ghalhekk ladarba kien hemm il-konferma tal-identita' tal-persuna din il-Qorti tqis illi din giet pruvata ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Wara li din il-Qorti rat l-Artikoli 49, 50, 96, 95, 261, 263, 267, 270, 278, 279, 120, 49, 50, 338, u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 – illum il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), s-sitta (6), s-seba' (7), l-għaxar (10), il-ħdax (11), it-tnax (12), it-tlettax (13) imputazzjoni u tilliberah minnhom, u ssibu hati tat-

tielet (3), tar-raba (4), tal-ħames (5), tat-tmien (8), tad-disa' (9) tal-erbatax (14), tal-ħmistax (15) u tas-sittax (16) imputazzjoni u tikkundanna lil Generoso Sammut għal piena karcerarja ta' tlett (3) snin prigunerija effettivi.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil Generoso Sammut ghall-hlas tal-ispejjez peritali kollha ammontanti ghal tliet elef tminn mija wiehed u tmenin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€3,881.64).

Dr. Caroline Farrugia Frendo

Magistrat

Maria Grech-Cardona

Deputat Registratur